# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' April 2002

## Avviz numru : 16/2002GT(GM)

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Donatello Pisani f'ismu proprio kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem Pisani Pharmacy**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Is-socjeta' attrici titlob il-hlas ta' erba' mija u sbatax-il lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm417.45) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi oggetti mibjugha lill-konvenut u ikkunsenjati lilu mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu stess.**

**Is-socjeta' attrici titlob ukoll il-hlas ta' l-ispejjez inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata s-6 ta' Settembru 2001, tal-ittra ufficjali kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-hrug tal-'invoices' relattivi sad-data tal-effettiv pagament."**

**Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat, izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal fl-14 ta' Marzu 2002, fil-11 ta' April 2002, fis-26 ta' April 2002 u dik tal-lum;**

**Sema' d-deposizzjoni guramentata ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija u sbatax-il lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm417.45) bl-imghax legali mid-data tal-hrug tal-invoices**

**sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Settembru 2001 u ta' l-ittra ufficjali a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**